**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 250/2020 AL

**A B C**

**vs**

**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet kif ġej:

*1. Illi minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn il-partijiet twieldu l-minuri F G H E fis-7 ta' Ġunju 2013 u H E fil-21 ta' Novembru 2018 (kopja taċ-ċertifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B).*

[1] Fol. 1.

*2. Illi l-partijiet kienu jgħixu flimkien fir-residenza tal-konvenut u dan għal perjodu ta' madwar ħames snin, u r-relazzjoni tal-partijiet intemmet lejn l-aħħar ta' Jannar tas-sena 2019.*

*3. Illi l-minuri jirrisjedu mal-attriċi u permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Jannar 2020, mogħti fl-atti tal-medjazzjoni numru 233/2019, kopja ta' liema digriet hija hawn annessa u mmarkata Dok. C, l-kura u l-kustodja tal- minuri ġiet fdata f'idejn iż-żewġ ġenituri konġuntament u ġie regolarizzat l-aċċess tal-konvenut mal-minuri kif ukoll bi qbil bejn il-partijiet ġie iffissat manteniment għaż-żewġ ulied fl-ammont ta' €500 fix-xahar, liema somma tinkludi spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ordinarji.*

*4. Illi effettivament bejn ix-xhur ta' Frar 2019 u Frar 2020, l-konvenut ma ħallas ebda manteniment għall-minuri, salv għal zewġ pagamenti fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) il-wieħed, kif jirrizulta mir-ricevuti annessi u mmarkati Dok. D u Dok. E, u konsegwentement matul l-imsemmi perjodu l-attriċi kellha terfa' waħedha l-piz finanzjarju kollu għat-trobbija tal-ulied minuri.*

*5. Ili minn meta inħareġ l-imsemmi digriet tat-22 ta' Jannar 2020, il-konvenut ma żammx kuntatt regolari mal-minuri u mhux dejjem ezerċita l-aċċess skont id-digriet sakemm il-kuntatt tiegħu mal-minuri waqaf għal kollox f'Mejju tas-sena kurrenti 2020.*

*6. Illi nhar it-8 ta' Mejju 2020 l-attriċi wasslet lill-minuri F għall-aċċess tagħha mal-missier li ftit tal-minuti wara ċempel lill-attriċi sabiex tiġi tiġbor lill-minuri għaliex ma setgħax iżommha u meta l-attriċi marret lura l-istess konvenut agredixxa lill-attriċi fil-preżenza tal-minuri F u dan kif huwa spjegat fl-anness rapport immarkat Dok. F.*

*7. Illi minn dakinhar l-konvenut qatt ma għamel kuntatt mal-attriċi u qatt ma talab li jeżerċita aċċess mal-minuri.*

*8. Illi dan l-inċident kellu konsegwenzi serji fuq il-minuri F, u dan kif spjegat f'aktar dettal fir-rapport tal-Psikoterapista Andrea Sammut De Marco tal-5 ta' Ottubru 2020, anness u mmarkat Dok. G.*

*9. Illi in vista taċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati, jkun fl-aħjar interess tal-minuri jekk l-aċċess tal-konvenut magħhom jiġi sospiz.*

*10. Illi l-komunikazzjoni ta' bejn il-partijiet qatt ma kienet tajba għaliex l-konvenut spiss kien jaqta' l-kommunikazzjoni mal-attriċi u fil-fatt l-attriċi spiss kien ikollha tikkomunika ma' missier il-konvenut anke sabiex jiftiehmu dwar l-aċċess tat-tfal, u l-attriċi spiss kellha diffikultajiet sabiex tieħu deċizjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri, inkluz fost affarijiet oħra, kien biss bl-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti li l-attriċi setgħet tirregistra lill-minuri H f'childcare.*

*11. Illi wara l-imsemmi inċident l-affarjiet aggravaw u l-kuntatt inqata' għal kollox, bil-konsegwenza li l-attriċi ma tistax tieħu anke deċiżjonijiet sempliċi li jirrigwardaw lill-minuri.*

*12. Illi għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, u kif ser jiġi pprvuat fit-trattazzjoni tal-kaz, jkun fl-aħjar interess tal-minuri F u H jekk il-kura u l-kustodja tagħhom tiġi fdata f'idejn l-attriċi esklussivament.*

*13. Illi l-konvenut naqas ukoll li jħallas manteniment fl-ammont stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti permezz tal-imsemmi digriet tat-22 ta' Jannar 2020, u qed iħallas is-somma ta' tliet mija u hamsin ewro (€350) minflok hames mitt ewro (€500), kif jirrizulta mir-rapporti annessi u mmarkati Dok. H u Dok. I.*

*14. Illi l-ammont ta' manteniment li qed iħallas prezentement il-konvenut mhuwiex adekwat biex ikopri l-bzonnijiet tal-minuri, anke in vista tad-dħul u l-mezzi finanzjarji rispettivi tal-partijiet.*

*15. Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi għal din il-kawża u dana skont id-digriet tat-3 ta' Novembru 2020 li kopja tieghu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok J;*

*16. Illi hija taf dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant l-attriċi umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F G H E u H E f'idejn l-attriċi u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi A B C sabiex tiehu kull decizjoni li tirrigwarda l-interessi tal-imsemmija minuri inkluz l-edukazzjoni, s-saħħa, r-reliġjon u l-ħarsien tagħhom ;*

*2. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tapplika waħedha għal kull passaport tal-minuri F G H E u H E, u dan mingħajr il-ħtieġa tal-firma jew kunsens tal-konvenut;*

*3. Tissosspendi kull aċċess tal-konvenut D E mal-minuri F G H E u H E;*

*4. Tordna lill-konvenut D E jħallas lill-attriċi dik is-somma li tiffissa din l-Onorabbli Qorti bħala manteniment xieraq għall-minuri F G H E u H E, liema somma għandha tinkludi l-ispejjez ordinarja ta' saħħa u edukazzjoni;*

*5. Tornda lill-konvenut D E sabiex oltre il-manteniment hekk stabbilit, iħallas ukoll nofs kull spiza relatata ma' spejjez straordinarji ta' saħħa u edukazzjoni inkorsi mill-attriċi għall-minuri;*

*6. Tiddikjara li hemm lok illi l-konvenut iħallas, ossija jirrifondi, lill-attriċi somma illi tkun ekwivalenti għall-arretrati ta' manteniment illi huwa messu hallas iżda ma ħallasx, kemm għax-xhur ta' bejn Frar tas-sena 2019 u Frar tas-sena 2020, kif ukoll minn April tas-sena 2020 sad-data tas-sentenza finali;*

*7. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment minn Frar tas-sena 2019 sad-data tas-sentenza finali u dan b'riferenza għall-ħlasijiet illi l-konvenut messu għamel lill-attriċi għall-manteniment tal-imsemmija tfal minuri, u dawk li effettivament għamel matul il-perjodu imsemmi.*

*8. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bħala arretrati ta' manteniment, taħt dawk il-modalitajiet illi jiġu stabbiliti f'dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat il-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri F G H E bin-numru 2766/2013;[2]

Rat il-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri H E bin-numru 7793/2018;[3]

Rat kopja tal-verbal tat-3 ta' Novembru 2020[4] fejn il-Qorti ordnat l-għeluq tal-medjazzjonijiet bin-numri 1113/2020 u 233/2019/2 u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'litigazzjoni fiż-żmien mogħti mill-liġi.

Rat illi minkejja li l-konvenut kien debitament notifikat ma ppreżentax risposta fi żmien li trid il-liġi u li għalhekk fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2021[5] il-Qorti ddikjaratu kontumaċi u ħatret lil Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti poteri u fakoltajiet.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April 2023[6] il-Qorti ssostitwiet lil Dr Critien, li ġiet elevata għall-bank tal-gudikatura, b'Dr Marita Pace Dimech bl-istess fakoltajiet;

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-attriċi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[8]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

---

[2] Fol. 6.
[3] Fol. 7.
[4] Fol. 26.
[5]Verbal a fol. 50.
[6] Verbal a fol. 202.
[7] Nota ppreżentata fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2024.
[8] Verbal tal-15 ta' Mejju 2024.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob illi tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F G H E li twieldet fis-7 ta' Ġunju 2013 u H E li twieldet fil-21 ta' Novembru 2018 minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. Hija titlob li l-Qorti tissospendi l-aċċess għall-missier illi ma żammx kuntatt regolari ma' l-ulied minn meta l-Qorti ddegredat fuq l-aċċess matul il-medjazzjoni, sakemm mit-8 ta' Mejju 2020 wara li allegatament agredixxa lill-attriċi quddiem it-tifla F waqt l-aċċess, huwa qata' kull kuntatt mal-attriċi u ma reġax talab li jeżerċita l-aċċess. Titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa retta alimentarja mensili xierqa li l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi għall-ispejjez tal-minuri kif ukoll tordnalu jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikurali. Titlob ukoll illi l-Qorti tillikwida u tordna lill-konvenut iħallas lilha l-arretrati ta' manteniment dovuti lilha minn Frar 2019 sad-data tas-sentenza finali.

Il-konvenut minn naħa tiegħu għalkemm ġie debitament notifikat ma preżentax risposta u kien totalment assenti f'dawn il-proċeduri u l-Qorti ddikjaratu kontumaċi.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

_Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:_

_L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2023_[9] u permezz tiegħu hija tgħid li bdiet toħroġ mal-konvenut fis-sena 2011 u minn din ir-relazzjoni twieldu ż-żewġt itfal F li twieldet fis-7 ta' Ġunju 2013 u H li twieldet fil-21 ta' Novembru 2018. Ftit xhur wara li twieldet it-tifla l-kbira, fl-2014 il-partijiet bdew joqgħodu flimkien, fid-dar li kien xtara l-konvenut dik is-sena stess.

Tgħid l-attriċi li sa Diċembru ta' dik is-sena stess kienet diġà marret tgħix għand ommha bit-tfal għaliex il-konvenut kien keċċieha minn daru. Meta mbagħad it-tifla ż-żgħira kellha biss xahrejn l-attriċi temmet ir-relazzjoni sforz abbuż emozzjonali li tgħid li kienet soġġetta għalih kontinwament. Wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom l-attriċi tgħid li hija għamlet minn kollox biex it-tfal ikollhom relazzjoni ma missierhom u F kienet tmur ma' missierha,

[9] Fol. 210.

erba' siegħat matul il-ġimgħa u darba fil-*weekend* għal *sleepover*, filwaqt li H kienet tmur biss darba fil-ġimgħa. Tgħid li l-konvenut ħafna drabi ma kienx iweġibha meta tibgħatlu fuq it-tifla u ħafna drabi kienet tispiċċa tiftiehem ma' missieru u fil-fatt it-tfal f'dawn il-ħinijiet kienu jqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħin man-nanniet.

L-attriċi tgħid li mbagħad fetħet medjazzjoni u tippreżenta verbal tal-Qorti tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2020 f'liema seduta l-Qorti ddeċidiet li l-kura u kustodja tat-tfal għandha tkun konġunta, il-ħinijiet tal-aċċess tal-missier u dwar il-manteniment.

L-attriċi tgħid li minkejja dan id-digriet il-konvenut ma bediex isegwih u kien irregolari fl-eżerċitar tal-aċċess u tgħid li kien iżommha sa l-aħħar ma tkunx taf hux ser jeżerċita l-aċċess. Tirrakkonta kif nhar it-8 ta' Mejju 2020, l-aħħar darba li l-konvenut eżerċita l-aċċess, hija kienet wasslet lil F għandu u wara madwar għaxar minuti huwa ċemplilha biex terġa' tiġborha għaliex qalilha li ma setax iżommha. Meta rritornat kien hemm missier il-konvenut li beda jgħidlu biex jitkellmu u jżomm lit-tifla. Il-konvenut min-naħa tiegħu ġie u mbuttaha u reġa' ġibidha u qattalha l-libsa u ħabbtilha rasha mal-bieb tal-garaxx. Dan kollu seħħ quddiem it-tifla u l-attriċi tgħid li t-tifla ġiet affetwata sew minn dan l-inċident fejn beda jkollha diffikultà torqod, titwerwer jekk tisma' nies jargumentaw *etc*. Fil-fatt bdiet tiġi segwita mit-terapista Andrea Sammut De Marco fuq dak li jdejjaqha u t-terapista rrediġa rapport li ġie ppreżentat mill-attriċi. Minn dak iż-żmien, il-missier qatt ma talab li jara lit-tfal u t-tfal ilhom minn dak iż-żmien ma jkollhom kuntatt ma' missierhom. Tgħid li kien ikollha diffikultajiet biex tieħu deċiżjonijiet fir-rigward tagħhom għaliex il-konvenut ma kien jikkopera bl-ebda mod u llum il-ġurnata huwa kompletament assenti minn ħajjithom. Saħansitra kellha tipposponi l-Ewwel Tqarbina tat-tifla minħabba li tgħid li kien għadu kif seħħ l-inċident tat-8 ta' Mejju u għaliex ukoll il-konvenut ma kienx iffirma d-dokumenti meħtieġa.

Tispjega wkoll li kellha ħafna diffikultajiet biex tieħu l-manteniment mill-konvenut għal uliedha.

*<u>Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:</u>*

Għalkemm debitament notifikat bir-rikors ġuramentat il-konvenut ma ntavolax risposta u kien totalment assenti f'dawn il-proċeduri.

Madanakollu, jiġi preċiżat li ċio` nonostante, il-kontumaċja tal-konvenut dejjem tqieset mill-Qrati tagħna bħala kontestazzjoni tat-talbiet promossi fil-konfront tal-konvenut, u dan ukoll b'omaġġ għall-prinċipju li min jallega jrid jipprova l-każ tiegħu, anke fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni attiv tal-parti l-oħra.

### 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu* ***li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied*** *li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Artikolu 7 tal-Kap 16 ikompli illi:

*"Il-****ġenituri*** *għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Għaldaqstant l-Artikolu 7 irendi applikabbli l-obbligi tal-ġenituri imniżżla fl-Artikolu 3 għal kull ġenitur anke dawk mhux miżżewwġa bħal fil-każ odjern. Kull ġenitur għandu l-obbligu li jakkura lil uliedu u jipprovdilhom finanzjarjament għall-bżonnijiet tagħhom. Jekk ma jkunx iktar possibbli għall-ġenituri illi jibqgħu f'relazzjoni u jagħżlu li jinfirdu, il-Qorti, jekk il-partijiet jiġu quddiemha, trid tara min mill-ġenituri (jekk mhux konġuntivament) għandu jkollu l-kura u kustodja ta' dawk it-tfal. Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[10] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Il-prinċipju li għandu mbagħad ikun applikat f'kull każ, skont il-ħtieġa, huwa dak li l-Qorti tħoss li huwa fl-aħjar interess tal-ulied u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-minuri. Kif tgħid il-Qorti fil-kawża riċenti fl-ismijiet **AS vs KB**[11] "*In proceedings which involve the rights of minors and those belonging to the parents, the Court has a duty to take into account that which is primarily in the best interests of the child and this is due to the fact that in the majority of cases its decisions will inevitably have a lasting effect on the life of the child. The jurisprudence of the Maltese Courts has always been consistent in that, issues regarding the care and custody of children are to be primarily regulated by the principle of the best interests of the child, the best utility and best advantage to the interests of the child*." Il-Qorti, skont Artikolu 56 tal-Kap 16, għandha l-fakoltà li tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances E vs Duncan Caruana**,[12] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[13] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** irriteniet li: "*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child*

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

[11] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Marzu 2024 (Rik. Ġur. Nru. 222/2021 JPG).

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 268/11AL).

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 218/13AL).

*should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Dan ma jfissirx illi jekk ikun possibli l-Qorti ma għandhiex tara jekk iż-żewġ ġenituri għandhomx il-ħila jkollhom kura u kustodja konġunta li għat-tfal tkun sitwazzjoni ideali fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti tisħaq li t-tfal għandhom bżonn il-figura taż-żewġ ġenituri jekk dawn it-tnejn ikollhom għal qalbhom l-aħjar ta' wliedhom.

*"The Court recognises that in normal circumstances both parents have an important and fundamental role in the upbringing and life of their children, and therefore no one of them should be excluded from the child's care unless there are serious reasons which lead the Court to take such a drastic measure. In fact this has been the stance adopted in the judgement in the names of AB vs CD decided on the 23rd of February 2018, wherein the Court affirmed that it has the power to entrust the care and custody of a minor solely in the hands of one of the parents if this is the minor's best interests, in accordance with Article 56 of the Civil Code, and that while the parents' rights a relevant consideration, the child's best interests are the Court's primary consideration."*[14]

Huwa għalhekk ukoll illi l-Qrati tagħna jisħqu fuq l-importanza tal-aċċess għal dak il-ġenitur li miegħu ma jkunux jirrisjedu l-minuri. L-Artikolu 57 tal-Kap 16 jgħid kif ġej dwar l-aċċess:

[14] Sentenza fl-ismijiet AS vs KB deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Marzu 2024 (Rik. Ġur. Nru. 222/2021 JPG).

*"(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied:*

*Iżda li l-qorti tista' tirrevoka d-dritt għall-aċċess meta l-konjuġi li jingħata tali dritt jonqos milli jeżerċita tali dritt mingħajr raġuni valida.*

*(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lil kwalunkwe wieħed mill-ġenituri li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid tal-istess minuri jew għall-ġid ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri."*

Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**[15] osservat illi: "*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.* ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti*** *hu l-****istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif tgħallem il-Qorti fis-sentenza **AS vs KB**[16] "*The parents, therefore, have the same legal obligation towards their children, with both parents having to contribute to the upbringing of their children. The quantum of this obligation of a child's maintenance is calculated according to the parents' needs, and the criteria set out in article 20 of the Civil Code."*

Għalhekk, kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap 16. L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

---

[15] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008.

[16] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Marzu 2024 (Rik. Ġur. Nru. 222/2021 JPG)

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*

Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkG fuq l-istat.[17] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

Relevanti f'dan il-kuntest l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[18] fejn il-Qorti qalet illi "***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed***

[17] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke E deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).
[18] Deċiża fil-31 ta' Jannar 2019.

***irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom**.”*

Joħroġ ċar mil-liġi nostrana u wkoll mill-Qrati li japplikawha, illi l-ġenituri għandhom iħossu din ir-responsabbiltà tal-ulied b'mod illi ladarba jġibuhom fid-dinja jridu jaraw li qed jiġu provduti b'ħajja xierqa għalihom; mhux kwistjoni ta' lussu iżda ħajja dinjituża, kull wieħed skont il-bżonnijiet tiegħu. Kull wieħed mill-konjuġi irid jifhem din ir-responsabbiltà u ma jistax jevita illi jagħmel dan billi jistrieħ biss fuq il-parti l-oħra. "*Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom/ f'mument u twarrabhom sekonda wara.”*[19]

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[20] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[21] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas.”*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qed titlob lil din il-Qorti sabiex tafdalha l-kura u kustodja taż-żewġ uliedha F u H, filwaqt li tissospendi l-aċċess tal-missier għal uliedu u tordnalu jħallas manteniment għalihom kemm fil-forma ta' arretrati mhux imħallsa, kif ukoll mid-data tas-sentenza 'l quddiem.

[19] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru 64/2017AL)
[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur. Nru. 152/16 AL).
[21] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.

Sfortunatament il-Qorti għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-attriċi għaliex għalkemm notifikat, il-konvenut għażel li jinjora għal kollox il-kawża u ma kienx preżenti bl-ebda mod f'dawn il-proċeduri. Għalhekk il-verżjoni tal-attriċi ma ġietx kontradetta jew kontestata, filwaqt illi, kif diġa` ingħad, il-Qorti dejjem iżżomm f'moħħha illi l-kontumaċja xorta waħda hija forma ta' kontestazzjoni. Il-Qorti xorta jkollha teżamina l-provi prodotti biex tasal għall-konklużjoni tagħha dwar it-talbiet attriċi, iżda bl-aġir tiegħu, il-konvenut skarta ċ-ċans li jipparteċipa fil-proċeduri illi ser jirregolaw il-*benessere* ta' wliedu stess.

Il-Qorti kienet ordnat[22] illi l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta b'dana li t-tfal jirrisjedu mal-omm b'aċċess ampju għall-missier. Dan l-aċċess għandu jseħħ kull nhar ta' Tnejn u kull nhar t'Erbgħa fejn il-missier jiġbor lit-tifla l-kbira mill-iskola u ż-żgħira mid-dar tar-rikorrenti u jirritorna lit-tfal fit-tmiem tal-aċċess fis-6.30 p.m. fir-residenza tal-omm. *Inoltre* jkun hemm *sleepover* b'mod alternat, l-ewwel ġimgħa mill-Ġimgħa għas-Sibt fejn il-missier jiġbor lit-tifla l-kbira mill-iskola u t-tifla ż-żgħira mir-residenza tal-omm u jirritorna lit-tfal l-għada s-Sibt fis-7.30 p.m. Il-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd, is-Sibt f'nofsinhar jiġbor lit-tifla l-kbira minn fejn tkun qed tagħmel l-isports f'Bormla u jiġbor liż-żgħira mir-residenza tal-omm u jirritornahom il-Ħadd fis-6.30 p.m. fir-residenza tal-omm.

Għar-rigward tal-manteniment, fl-istess udjenza, il-Qorti ordnat li l-missier jgħaddi permezz ta' *standing order* kull l-ewwel jum tax-xahar is-somma ta' 500 Ewro għaż-żewġt itfal li tinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, b'dana illi kemm-il darba jkun hemm spejjeż straordinarji ta' saħħa jew ta' edukazzjoni, il-missier ikun tenut iħallas nofs dawn l-ispejjeż. Din l-ordni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

Jirriżulta mill-provi illi meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, l-intendere kien li t-tfal jibqgħu jirrisjedu mal-omm u l-missier jeżerċita l-aċċess għal uliedu. Jidher li dan kien qed iseħħ għall-ewwel iżda kollox kien idur mal-bżonnijiet tal-missier. Il-Qorti tinnota minn kopja tal-messaġġi riprodotti illi għalkemm l-omm kienet qed tagħmel sforz kbir

[22] Verbal tat-22 ta' Jannar 2020, kopja a fol. 8 tal-proċess.

biex tinvolvi lill-missier f'ħajjet it-tfal, il-missier min-naħa tiegħu lanqas biss kien jirrispondi u l-ftit li kien jirrispondi kien jagħmel dan bl-ebda spirtu ta' koperazzjoni mal-omm. Magħdud ma' dan il-Qorti tinnota li qisha li kienet l-omm li tinkoraġġixxi lill-missier ikellem lil uliedu.

Il-konvenut jirrepeti wkoll il-frażi "*min int*" meta l-omm tibgħatlu xi messaġġ. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq id-diżrispett li jirriżulta minn dawn it-tip ta' messaġġi. Mhux talli l-missier ma jikkoperax mal-omm f'dak li għandu x'jaqsam ma' wliedhom iżda wkoll jistaqsi lil omm uliedu stess, min hi. Id-diżrispett jidher ukoll b'mod akut fil-fatt illi kienet tkun l-omm li twassal lit-tfal għall-aċċess u l-missier lanqas kien jerfa' ftit responsabbilità sabiex jara lil uliedu. L-omm tidher ukoll titlob bil-ħniena lill-missier sabiex jirrispondi l-*mobile* għaliex bintu stess tixtieq tkellmu u l-attitudni tiegħu tibqa' waħda ta' diżinteress. Barra minn hekk, mhux talli ma kienx iżomm mad-digriet tal-Qorti rigward il-ħinijiet tal-aċċess, talli kien iħalli lill-omm sa l-aħħar ma tafx hux ser jieħu lit-tfal.

Il-Qorti tiddeplora bil-qawwa dan l-aġir li minbarra li jkisser kull ċans tal-omm li tkompli b'ħajjitha, iżda iktar minn hekk iħawwad kull rutina tat-tfal u jilgħab bl-emozzjonijiet tagħhom. It-tfal diġà għaddew mill-esperjenza tal-firda taż-żewġ ġenituri, issa riedu jġarrbu wkoll ħajja ta' piki bejn il-ġenituri tagħhom u nuqqas ta' stabbilità li kienet qed tinħoloq. L-affari laħqet l-apiċi tagħha meta fit-8 ta' Mejju 2020, il-konvenut allegatament aggredixxa lill-attriċi wara li din kienet wasslitlu lit-tifla F għall-aċċess u reġgħet marret għaliha wara ftit minuti għaliex il-konvenut dehrlu li ma jistax iżommha. Dakinhar l-attriċi tixhed li l-konvenut aggrediha quddiem it-tifla li wara kellha bżonn terapija minħabba l-inċident. Il-Qorti ma għandiex quddiemha xhieda dwar l-inċident minn naħa tal-konvenut iżda fir-rapport ppreżentat minn PC 2257, il-konvenut jallega li kien mhedded minn raġel ieħor waqt l-inċident u għalhekk ried jiddefendi ruħu.

Minn dakinhar ma jirriżultax li l-konvenut għamel attentati biex iżomm kuntatt mal-attriċi, sabiex jikkopera magħha dwar il-bżonnijiet ta' uliedhom jew biex jarahom jew isegwihom jew jindukrahom. Il-Qorti tiddeplora dan l-aġir bħala mhux denju ta' missier, u filwaqt li tifhem li relazzjonijiet jitkissru u dak li jkun jimxi l-quddiem u għandu dritt jibda ħajja separata minn mas-sieħeb jew is-sieħba tiegħu, madanakollu fejn jidħlu t-tfal wieħed ma jistax jirraġuna bl-istess mod u jħalli lil uliedu

ltiema mingħajr missier, wara li ġabhom fid-dinja. Jekk kien hemm problemi ma' l-omm huwa kellu dritt li jipproċedi legalment fil-konfront tagħha jew ta' terzi persuni li għandhom x'jaqsmu magħha iżda kull missier għandu jitfa' l-enerġija sħiħa tiegħu biex jibqa' f'kuntatt ma' wliedu.

Il-Qorti ma għandiex dubju f'dan il-każ li l-omm weħedha għandha jkollha l-kura u kustodja esklussiva ta' wliedha. Kif ingħad fil-każ fl-ismijiet **AB vs Dr Mark A Mifsud Cutajar**[23] *"Illi il-Qorti tirrileva li, ghalkemm ma semghet ebda provi konkreti min-naha tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li ghall-anqas miz-zmien meta l-intimat telaq barra minn Malta, kienet l-attrici li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Jirrizulta car ukoll li l-istess attrici ghandha l-interessi tal-minuri ghal qalbha, tant li tipprova zzomm kuntatt ta' missier l-istess minuri kif ukoll intavolat il-proceduri odjerni sabiex tassigura l-ahjar interessi tal-istess minuri. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici hija kapaci tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod li tista', kif wara kollox ilha taghmel ghal diversi snin issa. Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, kawzi simili ghal dik odjerna jridu jigu decizi necessarjament fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet M. Bonnici vs Onor J. Raynaud fejn gie dikjarat li "Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal""*

Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna għal kollox lil uliedu u ma żamm l-ebda kuntatt mal-attriċi, tant illi lanqas indenja ruħu jieħu sehem f'dawn il-proċeduri. Il-konvenut jidher li ilu ma jara lil uliedu mill-2020, ma jistaqsix dwarhom. Dan l-abbandun minn naħa tal-konvenut ipoggi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fir-rigward tat-tfal, speċjalment dawk ta' kuljum, kif tixhed hi stess u kif ġara kemm-il darba fejn it-tfal kellhom jiċċaħħdu minn servizzi minħabba n-nuqqas ta' kunsens tal-missier. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommhom ikollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma ta' missierhom, bħal per eżempju l-iskrizzjoni tal-minuri fi

[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil- 31 ta' Ottubru, 2012 (Rik. Ġur. Nru. 194/2010AL)

skejjel, xi vjaġġ skolastiku edukattiv, u iktar u iktar deċiżjonijiet fl-ambitu mediku. Għalhekk il-Qorti qiegħda tafda lill-attriċi omm il-kura u kustodja esklussiva ta' wliedha b'dak illi hija tieħu weħedha kull deċiżjoni ta' natura ordinarja u straordinarja fil-konfront ta' wliedha, mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens tal-missier.

Kif diġà ngħad, il-Qorti temmen bis-sħiħ fil-parteċipazzjoni taż-żewġ ġenituri f'ħajjet it-tfal, madanakollu l-Qorti xorta trid tikkunsidra l-fatti partikolari ta' kull każ u tqis u tiddeċiedi fl-aħjar interess tal-ulied. Jidher f'din il-kawża li l-missier beda juri diżinteress f'uliedu meta waqqaf kull kuntatt u mbagħad lanqas ħa sehem f'din il-kawża. Madanakollu t-tfal għandhom dritt ikollhom relazzjoni ma' missierhom u għalhekk filwaqt li tissospendi l-aċċess kif dekretat, tħeġġeġ lill-missier illi jagħmel kuntatt mad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex bl-intervent tagħhom huma jipproponu mod kif għandu jibda jiġi eżerċitat l-aċċess fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn it-tfal ilhom ma jaraw lil missierhom għal daqstant żmien twil.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza l-minuri jgħixu magħha, il-konvenut għandu minimament jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija ta' wliedhom. Kif ritenut fil-ġurisprudenza nostrana "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkG fuq l-istat*."[24] Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Kif jirriżulta f'dan il-każ, il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' 500 Ewro fix-xahar għaż-żewġ ulied, flimkien ma' nofs l-ispejjeż straordinarji ta' saħħa u edukazzjoni. Dan b'effett minn l-1 ta' Frar 2020. Għalkemm kellhom isiru rapporti ta' ċertu xhur, il-manteniment wara din id-data tħallas u l-attriċi qed titlob manteniment li jkopri ż-żmien minn meta telqet mid-dar sa dakinhar li ħareġ id-digriet imsemmi meta l-konvenut ma ħallashiex. Dawn jingħad li jammontaw għal għaxar xhur u jkopru Frar 2019 sa Lulju 2019 u Ottubru 2019 sa Jannar 2020. Id-digriet tat-22 ta' Jannar 2020 madanakollu kien ċar li l-

[24] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke E (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.

manteniment għandu jibda jingħata minn Frar 2020 u din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba dak li diġà ġie deċiż. Il-bqija ta' manteniment sad-data tas-sentenza jingħad mill-attriċi li qed jingħata.

L-attriċi ġġib provi dwar ix-xogħolijiet tal-konvenut u l-assi tiegħu. Jidher mill-*employment history*[25] tal-konvenut illi huwa *self employed full-time* bħala *market hawker*. Dan jirriżulta li ilu mill-2007 u mix-xhieda tar-rappreżentanta tat-*Trade Licensing Unit,*[26] il-liċenzji relattivi għadhom attivi u għadhom jitħallsu. Magħdud ma' dan ir-rappreżentant tat-*Transport Malta*[27] jixhed illi l-konvenut għandu *tags* fuq ismu waħda maħruġa fl-10 ta' Novembru 2015 u l-oħra fil-5 ta' Frar 2020, li għadhom attivi u li huma *"It tag hija tag ta' taxis u hires u l-vetturi, hawnhekk qed jghix motorcycles u Tricycles u Quadricycles."* F'affidavit li għamel is-Sur Damon Allan bħala rappreżentant tal-kumpanija *Exclusively Malta Luxury Travel* huwa pprovda *statement* tas-servizzi tat-taxi li l-konvenut pprovda lill-Kumpanija fl-aħħar ħames snin u għalhekk jirriżulta li l-konvenut kien qed jipprovdi xi forma ta' servizzi tat-taxi wkoll matul iż-żmien u għandu l-mezzi biex jagħmel dan.

Jirriżulta wkoll mill-provi li l-konvenut għandu investimenti fuq ismu f'forma ta' bonds[28] u polza ta' assigurazzjoni b'valur ta' ħmistax il-elf mija u żewġ Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€15,102.59). Huwa għandu wkoll żewġ vetturi fuq ismu tat-tip *Toyota Townace* u *Toyota Aygo.*

L-attriċi tippreżenta wkoll prospett (ġuramentat tgħid hi għalkemm ma jidhirx li ttieħed ġurament fuqu) tal-infieq tagħha għaż-żewġt itfal.[29] Minn eżami akkurat tal-provi, il-Qorti tqis illi l-konvenut missier għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) kull xahar bħala manteniment għall-minuri F u H, liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż kemm ordinarji u kemm straordinarji ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew benefiċċju li l-konvenut jista' talvolta jkun qiegħed jirċievi u għandu jiġi versat direttament f'kont bankarju indikat mill-attriċi. Illi dana

[25] Fol. 129.
[26] Seduta tas-7 ta' Lulju 2022 a fol. 136.
[27] Seduta tas-7 ta' Novembru 2022 a fol. 176.
[28] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Borża ta' Malta, a fol. 174.
[29] Seduta tas-7 ta' Marzu 2024 a fol. 409.

l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm il-minuri jagħlqu tlieta u għoxrin (23) sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.* Jekk it-tfal jagħzlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jsiru maġġorenni, u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi "full time", il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

Il-Qorti trid tippreċiża li hija u tillikwida l-manteniment futur li l-minuri għandhom jibbenefikaw minnu, dan għamlitu fuq bażi ta' *arbitro boni viri in vista* tal-fatt li mhux biss il-prospett ma jirriżultax li ġie effettivament maħluf, iżda mhux dak kollu elenkat mill-attriċi għandu jitqies li jkun kopert mid-definizzjoni ta' manteniment li tagħti l-Liġi. Eżempju ta' dan huma n-*Netflix*, l-*Insurance & Registration*, ġugarelli, Rigali u *Birthday parties*. Di piu`, il-Qorti hija ta' l-opinjoni li bit-tfal jew mingħajrhom, l-attriċi xorta kienet se tħallas *Condominium fees* u dawn ma kienux se jinbidlu għax it-tfal jgħixu magħha. L-istess jingħad għall-*internet* – ħaġa llum li saret bażika fil-ħajja tan-nies u li l-Qorti ma temminx li din l-ispiża ssir minħabba t-tfal iżda anke kieku l-attriċi kienet tgħix weħidha kienet se ddaħħal l-*internet* id-dar. Lanqas, ma' l-Qorti tara għalfejn l-attriċi tippretendi li l-konvenut jagħmel tajjeb għal spejjeż ta' tindif u għall-harġiet li l-attriċi jidhrilha tagħmel mat-tfal.

Il-Qorti qieset ukoll li, kuntrarjament għal dak li tgħid l-attriċi fil-prospett, l-ammonti indikati minnha huma approssimattivi, u lanqas jista' jkun mod ieħor, għaliex huwa impossibbli, per eżempju, li l-ikel kull xahar jiġi jiswa ħames mitt Ewro (€500) tondi tondi, jew li d-dawl u l-ilma jew it-*toiletries* dejjem jiswew l-istess.

Il-Qorti tinnota wkoll li fl-*statement* bankarju esebit a fol. 388 *et seq*., l-attrici tagħmel *highlight* fuq ċertu spejjeż. Fost oħrajn, il-Qorti tinnota spejjeż għal tal-*Wolt/Bolt, Amazon Video, Netflix, Burger King, Zen sushi, Avotaco etc*. u filwaqt illi huwa dritt ta' l-attriċi toħroġ lit-tfal jieklu jew iġġib *delivery* minn dawn il-ħwienet id-dar, dan ma jfissirx li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal dan il-kapriċċ (u jingħad li huwa kapriċċ għaliex filwaqt li l-ikel huwa neċessita`, l-ikla minn barra hija diskrezzjonali għall-attriċi u tikkostitwixxi spiża ikbar minn ikla d-dar).

Huwa għalhekk, fl-isfond ta' dan kollu, li l-Qorti ħasset li jkun iżjed ġust fiċ-ċirkostanzi, wara li tkun għarblet bir-reqqa dak pretiż mill-attriċi, u wara l-kunsiderazzjonijiet li saru minn din il-Qorti, li tasal għall-ammont *arbitro boni viri*. B'hekk il-Qorti temmen li sabet bilanċ ġust li jirrifletti dak li huwa verament il-bżonn tal-minuri, b'rispett lejn il-pożizzjoni tal-partijiet, kif titlob il-Liġi nostrana.

Il-Qorti tqis ukoll li la jirriżulta li l-attriċi ssib diffikulta` tikkomunika u ssib kooperazzjoni mall-konvenut, ser issib l-istess diffikulta` sabiex tottjeni mingħandu kwalunkwe rifużjoni ta' spejjeż stroardinari li f'każijiet oħra l-Qorti ġieli akkordat apparti s-somma fissa għall-manteniment. Huwa fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni wkoll li l-Qorti qed tordna l-ħlas ta' manteniment b'mod holistiku.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F u H għandha tkun fdata esklussivament lill-attriċi b'dana illi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza ordinarja tagħha, u tawtorizza lill-attriċi tieħu weħedha kwalunkwe deciżjoni ordinarja jew straordinarja li jirrigwarda l-minuri mingħajr il-bżonn tal-firma, kunsens, jew preżenza tal-konvenut u dan ikopri kull deċiżjoni dwar il-minuri li tirrigwardja, *inter alia,* is-saħħa, l-edukazzjoni, ħruġ u tiġdid tal-passaport u tal-ivvjaggar tal-istess minuri;

2. Tilqa' t-tielet talba u tissospendi l-aċċess tal-konvenut għall-minuri F u H b'dak illi f'każ illi l-konvenut juri x-xewqa li jerġa' jibni kuntatt maż-żewġ uliedu huwa għandu jagħmel kuntatt mad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li għandhom jaħdmu mal-minuri u l-missier u jirrediġu rapport lill-Qorti dwar mod kif għandu jibda jiġi eżerċitat l-aċċess fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u din il-Qorti

tiddeċiedi dwar dan wara li tassigura li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li jsir dan;

3. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tordna lill-konvenut missier iħallas is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) kull xahar bħala manteniment għall-minuri F u H, liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż kemm ordinarji u kemm straordinarji ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew benefiċċju li l-konvenut jista' talvolta jkun qiegħed jirċievi u għandu jiġi versat direttament f'kont bankarju indikat mill-attriċi. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm il-minuri jagħlqu tlieta u għoxrin (23) sena jew jibdew jaħdmu fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Jekk l-ulied jagħzlu li jmorru jgħixu għal rashom meta jsiru maġġorenni, u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi "full time", il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

   L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance;*

4. Tiċħad is-sitt, seba' u tmien talba.

L-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenut.